

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Komunikazzjoni mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika tar-Renju tan-Netherlands skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi**

(2018/C 425/04)

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tal-prospettar għall-idrokarburi fil-blokka F12, kif indikat fuq il-mappa meħmuża bħala l-Anness 3 tar-Regolament Minerarju (*Mijnbouwregeling*) (il-Gazzetta tal-Gvern (*Staatscourant*) 2014, Nru 4928).

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika b'dan jistieden lill-partijiet interessati biex jibagħtu applikazzjonijiet kompetittivi għall-awtorizzazzjoni tal-prospettar għall-idrokarburi fil-blokka F12 tal-blata kontinentali tan-Netherlands, b'referenza għad-Direttiva msemmija fil-preambolu u l-Artikolu 15 tal-Att Minerarju (*Mijnbouwwet*) (il-Bullettin tal-Atti u d-Digriet (*Staatsblad*) 2002, Nru 542).

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stipulati fl-Att Minerarju (il-Bullettin tal-Atti u d-Digriet 2002, Nru 542).

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu matul 13-il ġingħa mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u għandhom jintbagħtu lil:

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika  
Attn.: is-Sur J.L. Rosch, id-Direttorat tal-Enerġija u l-Ambjent  
posta elettronika: [mijnbouwaanvragen@minez.nl](mailto:mijnbouwaanvragen@minez.nl)

L-applikazzjonijiet li jaslu wara li jiskadi dan il-perjodu ma jiġux ikkunsidrati.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed, fil-prinċipju, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu.

Aktar tagħrif jinkiseb mingħand is-Sur E.J. Hoppel, fuq in-numru tat-telefown: +31 703797762.